**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 35 – L-ERBGĦA 29 TA' FRAR 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NUMRU 33 U 34

1.1 Il-minuti numru 33 u 34 inqraw u wara li kienu approvati, tlieta favur - Sindku Dr Ian Castaldi Paris; is-Sinjura Magda Magri Naudi; u s-Sur Jeremy Anthony Dalli, u tnejn kontra – is-Sinjorina Lorraine Farrugia u Dr Marc Sant, ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondati mis-Sur Jeremy Anthony Dalli.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2. IL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – IT-TOROQ

2.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill dwar l-andament tax-xogħol fi Triq Annibale Preca mill-Kuntrattur Polidano Brothers Ltd.

2.2 Huwa tkellem ukoll dwar l-insistenza tiegħu mal-Kuntrattur kif ukoll mal-Perit John Rizzo Naudi biex ix-xogħol jitkompla mingħajr aktar dewmien.

2.3 Riżultat ta' dan, f'dawn il-jiem beda x-xogħol ta' *scarifying* mill-Kuntrattur Polidano Brothers Ltd. *S*kond il-Perit John Rizzo Naudi, u din it-Triq għandha titlesta fil-ġimgħat li ġejjin.

2.4 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, insista wkoll li ma kien ser isir l-ebda ħlas qabel ma dan il-proġett ikun tlesta b'mod komplut.

2.5 Ġie nnutat ukoll li Triq il-Kunċizzjoni kienet qed tkun miftuħa miż-żewġ naħat bejn is-7.30 a.m. u d-9.30 a.m. waqt li kien qed isir ix-xogħol fi Triq Annibale Preca u din tkun magħluqa għat-traffiku. Żewġ Gwardjani Lokali kienu fuq il-post jissorveljaw it-traffiku matul dawn il-ġranet.

2.6 Skont ir-rispons tar-residenti, din kienet ta' għajnuna għal dawk li joqogħdu fl-inħawi tal-Mirakli biex jinżlu fil-qalba tar-raħal ta' Ħal Lija.

## 3. ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU

3.1 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, infurmat lill-kunsilliera dwar il-laqgħa li nżammet fuq il-post flimkien mas-Sur Hugh Arnett, Konsulent tal-Kunsill dwar it-traffiku, u s-Sur Josie Muscat, Uffiċjal mit-Transport Malta.

3.2 Hija qrat l-ittra ('DOC A' annessa) li kellha tintbagħat lit-Transport Malta bid-dettalji tat-tibdil li kien qed ikun propost u approvat mill-Kunsill.

3.3 Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tinżamm laqgħa għall-pubbliku qabel ma titieħed deċizjoni mill-Kunsill biex isir it-tibdil tas-sistema ġdida tat-traffiku flok dik li hemm fil-preżent.

## 4. TRIQ GIUSEPPE CALĪ

4.1 Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-problema ta' konġestjoni kkawżata minn ipparkjar bl-addoċċ fi Triq Giuseppe Calī.

4.2 Is-Sur Josie Brincat, Uffiċjal mit-Transport Malta, ġibed l-attenzjoni biex is-sinjali tal-*'parking base'* li hemm fil-preżent jiġu rranġati u wara l-Pulizija flimkien mal-Gwardjani jinfurzaw l-liġi.

4.3 Il-Kunsill approva biex il-Perit John Rizzo Naudi jieħu ħsieb jagħmel pjanta neċessarja biex isiru dawn il-'*parking base'*.

4.4 Il-Perit għandu wkoll jieħu ħsieb jiżgura li x-xogħol li qed isir fil-parti l-ġdida tat-Triq Giuseppe Calī ma jikkaġunax periklu għar-residenti f'din it-Triq. Huwa għandu jieħu ħsieb li l-Kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol poġġa l-barriers meħtieġa biex jiġi evitat kull periklu.

## 5. TISWIJIET - SINJALI TAT-TRAFFIKU U BANKINA

5.1 Fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mis-Sinjur Jeremy Anthony Dalli, il-Kunsill approva biex jerġgħu jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku fil-qalba tar-raħal, kif ukoll issir bankina qabel tidħol it-Trejqa għal Ħal Mann min-naħa ta' Triq il-Kuncizzjoni, kif ġiet approvata mit-Transport Malta.

5.2 Il-Kunsill approva wkoll biex isiru tiswijiet bil-*cold mix* fejn hemm bżonn u b'mod speċjali fl-inħawi ta' Ħal Mann ta' toqob li tfaċċaw waqt il-maltemp li kien hawn fl-aħħar ġranet.

5.3 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-Kunsill approva biex il-Perit John Rizzo Naudi jagħmel spezzjoni fuq il-post fi Triq Dun Ġuzepp Tanti kantuniera ma' Triq Salvu Mifsud biex jindaga dwar il-problema tal-ilma meta jkun il-maltemp, u dwar tiswijiet tal-bankina fl-istess triq.

## 6. TIBDIL FID-DIREZZJONI TAT-TRAFFIKU FI TRIQ IL-LINJA, Ħ'ATTARD

6.1 Il-Kunsill approva t-talba tat-Transport Malta biex Triq il-Linja, Ħ'Attard, tkun direzzjoni waħda waqt il-ħin ta' filgħodu, bejn is-7.00 a.m. u id-9.00 a.m..

6.2 Dan it-tibdil kien ifisser ukoll li d-daħla għal Ħal Lija minn Triq San Anton, Attard, tkun magħluqa għat-traffiku waqt l-istess ħin.

6.3 Dan it-tibdil kien ser isir bi prova għal perjodu ta' tliet xhur u wara dan iż-żmien għandhom isiru diskussjonijiet biex ikun deċiż jekk dan it-tibdil għandux jinżamm għal aktar żmien.

## 7. TIBDIL FID-DIREZZJONI TAT-TRAFFIKU FI TRIQ RAMIRO BARBARO, ĦAL LIJA

7.1 Fuq proposta tas-Sindku Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mil-Vici Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsill approva biex id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Ramiro Barbaro, tkun direzzjoni waħda bid-dħul minn Triq il-Kbira, kif approvat mit-Transport Malta.

## 8. SEJĦA TAL-OFFERTI

### A. ĠBIR TA SKART GOFF

### B. ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li kien qed jipprepara d-dokumenti neċessarji biex jinħarġu l-offerti msemmija hawn fuq.

8.2 Huwa spjega li s-Cenral Asphalt Ltd. kienet qed tagħmel il-ġbir tal-iskart goff għall-perjodu temporanju bl-istess rata li kienet titħallas lill-Cleansing Services Department. Dwar il-ġbir ta' skart domestiku, il-Kuntrat ta' Michael Mizzi kien qed jiġġedded kull sena, u għalhekk għandu jinħareġ kuntratt ġdid.

8.3 Ġie nnutat ukoll li l-Kunsill kien irnexxielu jżomm il-Kuntratt mal-Cleansing Services Department mill-bidu tat-twaqqif tal-Kunsill sas-sena li għaddiet bi prezzijiet raġonevoli ħafna.

## 9. ATTIVITAJIET KULTURALI

### A. RAPPREZENTAZZJONI BIBBLIKA

9.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mis-Sur Jeremy Anthony Dalli, ippropona biex tinżamm attività kulturali għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira bejn il-Ħamis 29 ta' Marzu 2012 u l-Ħamis 5 ta' April 2012 bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Festi Esterni u l-Għaqda Mużikali San Pio X.

9.2 Il-Kunsill approva unanimament is-somma ta' €1,000 biex tkun finanzjata din l-attività.

### B. KUNĊERT MILL-BANDA SAN PIO X

9.3 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mis-Sur Jeremy Anthony Dalli, ippropona biex tinżamm l-attività kulturali, kunċert mill-Banda San Pio X.

9.4 Il-Kunsill approva unanimament is-somma ta' €700 biex tkun finanzjata din l-attività.

### C. PRESEPJU ĦAJ

9.5 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mis-Sur Jeremy Anthony Dalli, ippropona biex jitħallas l-ammont ta' €700 bħala spejjeż tal-attivita' Presepju Ħaj li nżammet bil-kollaborazzjoni tal-Każin Sant'Andrija.

9.6 Il-Kunsillier Dr Marc Sant, qal li dan il-ħlas għandu jkun imnaqqas bħal ma' kien imnaqqas ma' Għaqda oħra tar-raħal għar-raġuni li kien naqas milli jinforma lill-Kunsill fi żmien adegwat qabel bdiet l-attività.

9.7 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, spjega li f'dan il-każ partikolari ma kienx possibli għas-Soċjeta' Sant'Andrija li tagħmel avviż kmieni għar-raġuni li l-ftuħ sar mis-Segretarju Parlamentari, Dr Chris Said, u din kienet verament 'short notice' ġustifikata.

9.8 Wara din l-ispjegazzjoni, il-Kunsill approva unanimament is-somma ta' €700 biex tkun finanzjata din l-attività.

## 10. *LES DEPOSIT*

10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill dwar id-diskrepanza fid-depożiti li għandhom x'jaqsmu ma' ħlasijiet ta' LES li bħala riżultat kienu qed jidħlu fl-*account* tal-Kunsill Lokali tal-Marsa.

10.2 Wara li nġibdet l-attenzjoni dwar dan, is-Segretarju tal-Kunsill tal-Marsa informa lill-Kunsill ta' Ħal Lija li kien qed jgħaddi l-ammont ta' €3,645.62 lill-Kumitat Konġunt bħala flus imħallsa f' kontravenzjonijiet fil-lokalità ta' Ħal Lija.

10.3 Il-Kunsill ta' Ħal Lija għandu jkun ikkreditat għal proporzjon ta' dan l-ammont mill-Kumitat Konġunt meta jitqassmu l-profitti.

## 11. TIĠDID TAL-FTEHIM – ĠBIR TA' SKART SEPARAT

11.1 Fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mill-kunsillier is-Sur Jeremey Anthony Dalli, il-Kunsill approva t-tiġdid tal-ftehim bejn il-Kunsill Lokali u l-*Greenpak* dwar il-kollaborazzjoni għal ġbir ta' skart serparat mil-lokalita' ta' Ħal Lija għal perjodu ta' sena li tibda mit-22 ta' Marzu 2012.

## 12. IL-LAQGĦA

12.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 28 ta' Marzu 2012 fil-5.00 p.m..

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar |
| Is-Sindku | Is-Segretarju Eżekuttiv |